# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 777

KAZ NRU. 1009

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Henry Borg

u

Jerma Palace Hotel

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : dsatax (19) ta' Dicembru, 1996

**Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia P.L.**

I. **INTRODUZZJONI**

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra mmarkata ME 4/95/117/II li ggib id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 1996, biex jigi deciz skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

It-Tribunal, wara li kkunsidra l-Istqarrijiet tal-kaz taz-zewg partijiet, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet finali ta' l-istess partijiet wasal ghad-decizjoni tieghu kif sejjer jinghad.

## II. IL-MERITU TAL-KAZ

Henry Borg, ‘il quddiem jissejjah l-appellant kien impjegat bhala “supervisor” fir-restaurant tal-Lukanda Jerma Palace, ‘il quddiem tissejjah il-Lukanda, kellu ncident mas-superjuri tieghu waqt il-hin tax-xoghol u waqt li fir-restaurant kien hemm xi residenti u bhala rizultat kellu l-impjieg tieghu terminat fl-ghoxrin (20) ta’ Novembru, 1995.

## III. KUNSIDERAZZJONIJIET

Il-Lukanda allegat numru ta’ nuqqasijiet da parti ta’ l-appellant biex isostni l-agir taghha, cioe’ it-temm ta’ l-impjieg ta’ l-appellant u ghalhekk il-piz tal-prova jaqa’ kollu u biss fuqha u dan skond il-principju fundamentali li dejjem gie mhares minn dan it-Tribunal, li “min jallega jrid jipprova”.

Il-Lukanda ppruvat ghas-sodisfazzjon ta’ dan it-Tribunal li l-istess appellant holoq l-imsemmi ncident u gab ruhu hazin u b’mod arroganti mhux biss fil-konfront tas-superjuri tieghu izda wkoll fil-prezenza ta’ xi residenti li f’dak il-hin kienu fir-restaurant jiehdu l-”breakfast”.

Imgieba arroganti simili ta’ “supervisor” fil-prezenza ta’ residenti taghmel certa hsara lir-reputazzjoni ta’ lukanda wisq aktar meta l-istess lukanda tkun ta’ certa kategorija u ghalhekk m’ghandiex u ma tista’ qatt tigi tollerata b’ebda mod.

Gie ppruvat ukoll li l-appellant kien gie mghoti numru ta’ twissijiet bil-miktub, il-Lukanda esibiet foto-kopji ta’

tminja (8) qabel ma l-istess Lukanda ddecidiet li titterminalu l-impjieg u b'hekk uriet li hi osservat principju iehor li wkoll dejjem gie osservat minn dan it-Tribunal, "li t-tkeccija mill-impjieg hi decizjoni l-aktar drastika li wiehed ghandu jehodha bhala l-ahhar mezz biex isolvi kwistjoni tax-xoghol".

Ghar-ragunijiet mghotija, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-Lukanda kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg ta' l-appellant.

IV. **DECIZJONI**

In vista tal-premess, dan it-Tribunal, wara li jiddikjara li l-Lukanda, cioe' il-"Jerma Palace Hotel" kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg ta' l-appellant, cioe' Henry Borg - jichad it-talba ta' l-istess Henry Borg.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-imsemmi Kapitolu, dan it-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

--------------------
Anthony Farrugia
CHAIRMAN

------------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg